*Ħsarat: Danni*

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 27 ta' Jannar, 2020**

**Numru 7**

**Rikors Numru 48/13TA**

**Fogg Insurance Agencies Limited (C 597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera Argus Insurance Company Europe Limited**

**vs**

**Titan International Limited (C 1115)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-21 ta' Jannar 2013 u maħluf minn Albert E. Cardona fl-istess data li permezz tiegħu s-Soċjetá Fogg Insurance Agencies Limited nomine talbet u ppremettiet is-segwenti:-

> "1. Illi s-soċjeta` rikorrenti hija l-assikuratriċi tas-soċjeta` BM IT Limited (C 39594) inkorporata f'Malta u dan skond il-Polza tal-Assigurazzjoni bin-numru F.E.E. 2447.08, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. FIAL1';

2. Illi s-soċjeta` assigurata BM IT Limited topera mill-fond bl-indirizz 54/55, Żona Industrijali, Triq Manuel Borg Gauci, Tal-Ħandaq, Qormi, QRM 4000;

3. Illi s-soċjeta` konvenuta fuq talba u fuq inkarigu tas-soċjeta` assikurata ikkonsenjat u installat fil-fond fuq imsemmi f'Ħal-Qormi makkinarju ossia VPAC humidification units;

4. Illi nhar it-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elfejn u disgħa (2009) ġewwa l-fond fuq imsemmi f'Ħal-Qormi, il-makkinarju ikkonsenjat u installat mis-soċjeta` konvenuta lis-soċjeta` assigurata BM IT Limited żviluppa difetti u/jew ħsarat kawża ta' liema l-istess makkinarju nixxa ilmijiet u/jew likwidi oħra u konsegwentement l-kumpannija assikurata soffriet danni f'numru ta' *servers* u oġġetti oħra, kif anke jirriżulta mis-*survey report* imħejji mill-Inġinier Joe Bonnici kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok FIAL2';

5. Illi s-soċjeta` rikorrenti, *ai termini* tal-obbligi tagħha skond il-polza ta' assikurazzjoni fuq imsemmija, ħallset kumpens u indenizzat lis-soċjeta` assikurata tagħha BM IT Limited għad-danni minnha sofferti b'konsegwenza ta' dan l-inċident tat-12 ta' Ġunju, 2009 fl-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf Ewro (€25,000.00), filwaqt li s-soċjeta` assikurata issurrogat lis-soċjeta` rikorrenti fid-drittijiet tagħha, u dan kif jirriżulta mid-*Discharge Form* relattiva hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. FIAL 3';

6. Illi, minkejja li debitament interpellata sabiex tersaq u taddivjeni għal-likwidazzjoni u għall-ħlas tad-danni relattivi anke permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru 1838/11 preżentata fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011), kif ukoll permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru 199/2012, preżentata nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), kopji legali ta' liema qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok. FIAL 4' u 'Dok. FIAL 5', rispettivament, is-soċjeta` konvenuta baqgħet inadempjenti;

7. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

8. Illi l-fatti kollha ddikjarati huma a diretta konoxxenza tas-soċjeta` rikorrenti;

Għaldaqstant, is-soċjeta` rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalunke dikjarazzjoni, provvediment u ordni meħtieġa skond il-liġi, jogħġobha:-

1. Tiddikjara illi s-soċjeta` konvenuta hija unikament responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjeta` assikurata BM IT Limited (C 39594) in konsegwenza tal-inċident hawn fuq deskritt li seħħ nhar it-12 ta' Ġunju, 2009, u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża odjerna;

2. Tordna lis-soċjeta` konvenuta sabiex tħallas lis-soċjeta` rikorrenti l-ammont ta' €25,000.00 rappreżentanti l-ammont globali sbursat

minnha sabiex tindennizza lis-soċjeta` assikurata tagħha BM IT Limited (C 39594) għad-danni sofferti mill-istess soċjeta` assikurata skond id-*Discharge Form* relattiva hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. FIAL 3', jew kull ammont ieħor li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tillikwida, u dan in konsegwenza tal-akkoljiment tal-ewwel talba hawn fuq riportata;

3. Tordna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta` rikorrenti l-ispejjeż tas-*survey report* relattiv, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. FIAL 2';

Bl-ispejjeż, inkluż dawk referibbli għall-ittri uffiċjali interpellatorji bin-numru 1838/11 u 199/2012, u bl-imgħaxijiet legali dekorribbli kontra s-soċjeta` konvenuta mid-data tas-surroga effettiva tas-soċjeta` rikorrenti fid-drittijiet tas-soċjeta` assikurata BM IT Limited (C 39594) u bl-inġunzjoni ta' rappreżentant debitament awtorizzat mis-soċjeta` konvenuta illi huwa, minn issa, msejjaħ għas-subizzjoni tiegħu."

Rat ir-Risposta Ġuramentata tas-Soċjetá konvenuta Titan International Limited preżentata fit-18 ta' Marzu 2013 u maħlufa fl-istess data minn Robert Refalo li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:-

"1. Illi l-kumpanija eċċipjenti mhijiex responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża.

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kwalunkwe danni allegati huma kontestati u jeħtieġ illi jiġu ippruvati;

3. Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli mil-liġi.

Bl-ispejjeż.

Dikjarazzjoni ta' fatti ai termini tal-Artiklu 158(3)(ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

1.1 L-attriċi jeħtieġ illi tipprova l-allegazzjoni tagħha illi l-kumpanija eċċipjenti hija unikament responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża.

1.2 Jeħtiġilha li tipprova wkoll illi ma kienx hemm kontribuzzjoni ta' terzi, inkluż tal-kumpanija assigurata u l-impjegati tagħha, għall-ħsarat in kwestjoni.

1.3 Illi dan qed jingħad fost l-oħrajn in vista tal-fatt illi impjegati tal-konvenuta ma tħallewx jaċċedu fil-lok tal-ħsara ħlief numru ta'

ġranet wara l-allegata ħsara u għalhekk la setgħu jikkonstataw il-fatti u wisq anqas iwettqu tiswijiet *a tempo vergine*.

2.1 Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, b'referenza għad-danni mitluba, l-eċċipjenti tirrileva illi jeħtieġ issir prova mhux biss illi l-assigurata tal-attriċi sofriet danni bħala konsegwenza ta' xi aġir leżiv tal-esponenti, iżda ukoll tal-*quantum* ta' tali danni.

2.2 Illi b'mod partikolari, jiġi rilevat illi s-*survey report* eżebit mill-attriċi stess jindika illi l-apparat illi kellu jiġu mibdul jikkonsisti f'*file server* li jiswa madwar €2500, *power supply* li tiswa madwar €500 u *router/switch* tal-valur ta' madwar €1600, jiġifieri total ta' erbat elef u sitt mitt Ewro €4,600, ferm anqas mis-somma ta' €25,000 li qed titlob l-attriċi f'din il-kawża.

2.3 Trid issir ukoll prova tal-valur li kellu fid-data tal-inċident l-apparat li allegatament sofra ħsara.

3.1 Inoltre, ai termini tal-Artiklu 158(3)(ċ) tal-Kap 12, jiġi dikjarat illi għalkemm il-fatti msemmija fl-ewwel tliet paragrafi tar-rikors maħluf mhux qed jiġu kontestati, il-bqija tal-fatti dikjarati mill-attriċi huma kontestati u jeħtieġ illi jiġu ppruvati."

Rat l-avviż tat-2 ta' Frar, 2019 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imħallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li bis-saħħa tiegħu l-kawża odjerna ġiet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diġa mħollija għas-Sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-24 ta' Settembru 2019 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Il-fatti kif jirrisultaw mill-atti huma dawn:

**2.** Is-soċjetá Attriċi hija l-assikuratriċi tas-Soċjetá BM IT Limited skont il-Polza tal-Assigurazzjoni numru F.EE.2447.08 (a' fol 4). Is-Soċjetá BMIT Limited topera u tiġġestixxi żewġ *Data Centres* lokali f'Ħal Qormi, wieħed f'Triq iċ-Ċawsli u l-ieħor fiż-żona Industrijali f'tal-Ħandaq. Fis-sena 2007 is-soċjetá BMIT Limited bdiet tarma d-*data centre* fiż-żona industrijali f'Tal-Ħandaq u għażlet lis-Soċjetá konvenuta sabiex tipprovdi sistema ta' arja kondizzjonata. Irriżulta li din is-sistema qatt ma ħadmet sew u għalhekk ġie deċiż li tiġi installata sistema alternattiva għas-spejjeż tas-Soċjetá konvenuta. Din is-sistema alternattiva kienet tikkonsisti f'li jiġu installati erba' humidifiers esterni, tnejn minnhom fl-ewwel sular u tnejn l-oħra fit-tieni sular (ara affidavit taċ-Chief Technical Officer tas-Soċjetá BMIT ltd Gordon Bezzina a' fol 48 u 49). Dawn ix-xogħolijiet tlestew f'Mejju tal-2009 (affidavit Emmanuel Bonnici a' fol 54).

**3.** Il-Ġimgħa 12 ta' Ġunju 2009, l-Inġinier impjegat mas-Soċjetá konvenuta Robert Refalo ġie nfurmat minn ċertu Vince Libreri, impjegat ta' BMIT, li dan tal-aħħar kien qiegħed fid-*data centre* tal-Ħandaq u "li kien "trippja" MCCB (*Moulded Case Circuit Breaker* r-rejtjat 250A) tal-humidifier units)." (ara affidavit ta' Robert Refalo a' fol 120; ara wkoll it-tielet paragrafu tar-rapport datat 24 ta' Lulju 2009 redatt mill-Inġinier mqabbad mis-Soċjetá assikuratriċi Joe Bonnici). Fuq din l-informazzjoni

l-Inġinier Refalo ta direzzjoni sabiex jerġa jinxtegħel il-'*mains switch'*. Xi siegħa u nofs wara l-Inġinier Refalo reġa ċempel lis-Sur Vince Libreri biex jara kif kien baqa'. Hemmhekk l-Inġinier Refalo ġie infurmat li hemm problema ta' titjir ta' ilma minn wieħed mill-humidifiers illi kien hemm fil-binja għal fuq cabinet DCH-R1-1-16 (ara affidavit Robert Refalo a' fol 121, xhieda Emanuel Bonnici a' fol 177, rapport tal-Inġinier Joe Bonnici a' fol 21, affidavit tas-CTO tas-soċjetá BMIT Ltd Gordon Bezzina a' fol 49).

**4.** L-ispazju li fih kien hemm dan il-cabinet kien riżervat lis-Soċjetá barranija Continent 8 Technologies li hija klijenta tas-Soċjetá BMIT. Il-cabinet innifsu kien jappartjeni lis-Soċjetá barranija Gnuf limited li minn naħa tagħha hija klijenta ta' Continent 8 Technologies (ara affidavit ta' Emmanuel Bonnici a' fol 54 u xhieda ta' Gordon Bezzina a' fol 183).

**5.** Is-Soċjetá konvenuta ma tħallietx tmur fuq il-post sabiex tispezzjona l-ħsara sa jumejn wara l-inċident, u ċjoe' it-Tnejn 15 ta' Ġunju 2009 (ara affidavit Robert Refalo a' fol 121). Dan għal raġunijiet msemmija fix-xhieda ta' Emanuel Bonnici (a' fol 178 u 179).

**6.** Jirriżulta li l-ilma skula minħabba li l-brackets li fuqhom kien qed iserraħ l-isteam blower ċedew bil-piż tal-apparat. B'konsegwenza ta' dan, l-apparat inklina. Dan wassal biex jinġema l-ilma li b'konsegwenza nixxa għal fuq cabinet DCH-R1-1-16 li referenza għalih saret mill-Inġinier Joe Bonnici bħala rack 116 (vide rapport fol 21). Dan joħroġ kemm mir-rapport datat 6 ta' Lulju 2009 mħejji minn Robert Refalo u Saviour Abela

qua l-inġinier u l-General Manager rispettivi tas-Soċjetá konvenuta (a' fol 51) kif ukoll mir-rapport datat 24 ta' Lulju 2009 imħejji mill-inġinier tas-Soċjetá assikuratriċi Joe Bonnici (ara rapport tal-Inġinier Joe Bonnici a' fol 21, affidavit tas-CTO tas-soċjetá BMIT Ltd Gordon Bezzina a' fol 49).

**7.** Is-Soċjetá konvenuta biddlet il-brackets u għamlet it-tiswijiet neċessarji fuq il-*humidifaction unit* inkwistjoni (ara affidavit Robert Refalo a' fol 122).

**8.** Is-Soċjetá konvenuta min-naħa tagħha ddeċidiet li minflok issewwi l-apparat, tbiddel dak l-apparat kollu li b'konsegwenza tal-inċident waqaf jaħdem, kif ukoll dak li għalkemm kien għadu jaħdem, instab fih traċċi tal-ilma. Dan minħabba li ġaladarba kien ixxarrab, ma baqax kopert bil-garanzija u kien hemm riskju li dan seta' jfalli l-quddiem (ara affidavit Emmanuel Bonnici a' fol 56, xhieda Manuel Bonnici a' fol 99, xhieda Albert Cardona a' fol 81, 82 u 169 u xhieda Gordon Bezzina a' fol 181).

**9.** Mix-xhieda tal-inġinier Joe Bonnici jirriżulta wkoll li s-Soċjetá estera, klijenta tas-soċjetá BM IT ltd, mhux biss bidlet ir-rack 116 li fih ipperkola l-ilma iżda wkoll ir-rack 114 li kien jopera bħala back up tar-rack 116. Dan tal-aħħar ma ġie bl-ebda mod preġudikat bl-inċident (ara xhieda Joe Bonnici a' fol 200 u 201). Il-lista tal-apparat kollu li nxtara mis-soċjetá estera Gnuf huwa elenkat f'Dok EB4 ( ara a' fol 62).

**10.** Il-ħsara tal-apparat tar-rack 116 ma ġietx eżaminata la mis-Soċjetá assikuratriċi u lanqas mis-Soċjetá konvenuta (ara xhieda Ing Joe Bonnici a' fol 88, 201 u 207 xhieda James Magri a' fol 162 u 222 kif ukoll e-mail a' fol 154). L-apparat lanqas ma baqa' fid-*data centre* tas-Soċjetá BM IT ltd iżda ttieħed mis-soċjetá Continent 8 Technologies jew Gnuf limited (ara xhieda Gordon Bezzina a' fol 102 u 187, xhieda Emanuel Bonnici a' fol 179). Jidher li Continent 8 Technologies qabdet kumpanija estera sabiex teżamina hi l-ħsara li l-ilma ikkawża fl-apparat in kwistjoni (ara xhieda Gordon Bezzina a' fol 187). Jirriżulta mix-xhieda ta' Gordon Bezzina li l-apparat li nbidel (ara a' fol 184 ). Jirriżulta mil-fatturi preżentati mal-affidavit ta' Emanuel Bonniċi li l-Continent 8 Technologies ħallset lil Gnuf limited l-ammont ta' €115,993 għall-apparat hekk sostitwit (ara affidavit a' fol 55 u fatturi a' fol 62 u 63 kif ukoll e-mail a' fol 59).

**11.** Wara negozjati bejn is-Soċjetá assikuratriċi, l-kumpanija BM IT Limited, u s-Soċjetajiet esteri, sar qbil li s-Soċjetá estera Continental 8 Technologies u s-Soċjetá BM IT ltd iħallsu kull wieħed nofs l-ammont globali. Ġie deċiż li l-kumpanija Attriċi assikuratriċi tindennizza lil BM IT ltd in-nofs tas-sehem li hija kellha tħallas mill-ammont globali. Kif jirrisulta mid-discharge form, il-kumpanija assikuratriċi ħallset lil BM IT ltd l-ammont ta' €25,000 (ara a' fol 31 u ara xhieda Manuel Bonnici a' fol 96 u ta' Albert Cardona a' fol 80, 170 u 171. Fix-xhieda tiegħu a' fol 82 hemm reġistrat li Albert Cardona esebixxa dokument b'erba faċċati li ġie mmarkat bħala Dok AC, AC1, AC2 u AC3 (ara wkoll fol 84). Dawn iżda

ma jirriżultawx fil-proċess. Dan ifisser li l-kumpanija Attriċi assikuratriċi ħallset il-kwart tal-prezz tal-apparat mibdul.

**12.** Il-kumpanija aġixxiet kontra s-Soċjetá konvenuta personalment għall-ammont ta' €25,000 li hija għaddiet lis-Soċjetá BM IT ltd. L-ewwel billi interpellata permezz ta' żewġ ittri uffiċjali (a' fol 33 u 34). Sussegwentement ippreżentat l-azzjoni odjerna.

**13.** Fid-9 ta' April 2010 ġara inċident ieħor fl-istess *data centre*. Dan l-inċident huwa mertu ta' kawża separata fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited nomine vs Titan International Limited li ġiet deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta (per Imħallef Jacqueline Padovani Grima) fid-19 ta' Ottubru 2019.

**<u>Punti ta' Liġi</u>**

**14.** Permezz tal-azzjoni odjerna s-Soċjetá Attriċi assikuratriċi qed tfittex lis-Soċjetá konvenuta għar-riżarċiment tad-danni akwiljani fl-ammont ta' €25,000, valur rappreżentanti apparat li ġie mibdul b'rabta mal-inċident li seħħ fit-12 ta' Ġunju 2009 deskritt fil-fatti kif rakkontati aktar 'l fuq.

**15.** Kif tajjeb imfisser mill-Imħallef **Caruana Curran fis-Sentenza tal-Prim' Awla tat-18 ta' Awwissu 1965 fil-kawża Gaetano Spiteri proprio et nomine vs Thomas Castle (Vol. XLIX P II p 1027**) "*il-colpa akwiljana tokkorri meta d-dannu jiġi kaġonat f' rapport extra-kontrattwali, ċioe tillimita ruħha għal fatt tal-bniedem bħala ksur tad-dover ta' protezzjoni*

*jew tad-dover ġenerali neminem laedere kombinat man-negliġenza taħt l-artikoli 1075, 1076 [illum 1031 u 1032] tal-Kodiċi …*". Il-liġi permezz tal-artikolu 1033 tistabilixxi li biex ikun hemm din il-ħtija hemm bżonn li wieħed jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mill-liġi.

"*Fl-ambitu ta' din il-kolpa dovuta għan-negliġenza, imprudenza jew nuqqas ta' ħsieb tal-bonus paterfamilias, il-liġi tinsisti fuq ir-rekwiżit tal-prevedibilita` ta' l-event li jġib il-ħsara lill-proprjeta` tat-terzi. "Prevedibilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet raġonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi jew inverosimili*" (**Kollez. Vol. XLVIII P I p 258**);" **Qorti ta' l-Appell, Lawrence Zammit vs Chairman tal-Bord tat-Tmexxija Istitut ta' l-Istudji Turistiċi et, 18 ta' Mejju 2005**).

Hi wkoll dottrina elementari u magħrufa fil-ġurisprudenza tagħna li "*min ifittex għad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuża iżda li dak l-istess att jew ommissjoni għandhom konnessjoni ta' kawża u effett mad-danni sofferti*" (**Kollez. Vol. XXX. I. 142**). "*Fi kliem ieħor, "hu imprexxindibilment rikjest sabiex ikun hemm lok għad-danni li jkun hemm ness ta' kawżalita` bejn il-fatt kolpevoli u l-event dannuż" ("**John Debono et -vs- Negte. Joseph Muscat proprio et nomine", Appell Kummerċjali, 26 ta' Frar, 1960. Ara wkoll "Paul Debono -vs- Malta Drydocks", Prim' Awla, Qorti Ċivili, 27 ta' April, 2005**;*" (**Martin Paul u**

**Connie konjugi Vella vs Chris Micallef**, **Qorti ta l-Appell (Inferjuri), 6 ta' Ottubru, 2010**).

## Konsiderazzjonijiet

**16.** Applikat it-tagħlim ġurisprudenzjali kif elaborat fis-Sentenzi fuq imsemmija, fid-dawl tal-fatti fuq senjalati, din il-Qorti tqis, li s-Soċjetá Konvenuta hi responsabbli fit-termini tal-artikolu 1033 tal-Kap. 16. Dan qiegħed jingħad peress li naqset mid-dmir tagħha li tistalla l-*humidifaction unit*, apparat li minnu jżomm l-ilma, b'mod li tevita kull riskju ta' tnixxija tal-ilma. Il-Qorti tqis li dan l-inċident kien prevedibbli u seta' jiġi għal kollox evitat li kieku s-Soċjetá konvenuta uriet dik il-kawtela mistennija minnha. Dan setgħet għamlitu billi minflok ma qabdet u dderiġiet li dak li jkun jixgħel il-*mains switch*, fittxet l-ewwel li tinvestiga l-kaġun il-għaliex faqqet l-MCB. L-aġir tas-Soċjetá konvenuta, li mingħajr investigazzjoni anke preliminari, tat struzzjoni li jinxtegħel il-*mains switch*, ġie fil-fatt deskritt bħala wieħed 'very unprofessional' (ara rapport tal-inġinier Joe Bonnici l-aħħar para a' fol 19 u xhieda ta' Emanuel Bonnici a' fol 178). Kieku għamlet l-investigazzjonijiet preliminari, is-Soċjeta' konvenuta setgħet evitat l-att dannuż. L-awturi **Andrea Torrente u Piero Schlesinger** jistaqsu hekk : *"Quando puo' dirsi che il comportamento di un siggetto sia stato 'causa' di un evento dannoso? Quando senza l'azione o l-ommissione in cui si e' concretato quel comportamento l-evento non si sarebbe verificato"* ( **Mnauale Di Diritto Privato; 13th Ed ; Giuffre' Ed pg.687**). L-istruzzjoni azzardata li tat is-Soċjeta' Konvenuta, flimkien

man-nuqqas ta' installazzjoni adegwata, kienet il-fatt u kawżali li ħoloq l-inċident dannuż li wassal għan-nixxiegħa tal-ilma mill-*humidifaction unit* għal fuq rack 116. Is-Soċjetá konvenuta hija għalhekk obbligata għall-ħlas tal-ħsara li ġrat kawza ta' dan in-nuqqas ai termini tal-artikolu 1045 tal-Kap. 16.

**17.** Il-Qorti għaldaqstant sejra tilqa' l-ewwel talba tas-socjetá attrici assikuratriċi u tiddikjara li s-soċjetá konvenuta hija responsabbli għall-ħlas tal-ħsara kontemplata fl-artikolu 1045 jigifieri damnum emergens (danni attwali) u lucrum cessans (telf ta' qliegh futur).

**18.** Is-Soċjetá Attriċi assikuratriċi ma hiex tirreklama telf ta' qliegħ futur iżda danni attwali fl-ammont ta' €25,000. Dan l-ammont ġie żbursat minnha sabiex tindennizza lis-soċjetá BM IT Ltd parti mill-ammont li hija kellha tħallas lill-klijent tagħha Continental 8 għall-apparat mixtri minn Gnuf (ara fatti senjalati supra).

**19.** Il-**Qorti tal-Appell Inferjuri fis-Sentenza Rita Sultana et vs Antoine Colombo et datata 19 ta' Frar 2010** siltet dawn l-osservazzjonijiet rigwardanti d-dottrina legali u l-ġurisprudenza fuq il-materja tar-riżarċiment tad-danni:

*"1. In via ġenerali d-dixxiplina normattiva tar-riżarċiment tad-danni extra-kontrattwali hi, skond l-Artikolu 1045 (1) tal-Kodiċi Ċivili, abbinata mal-konsegwenzi immedjati u diretti ta' l-event dannuż. B'dan il-mod il-*

*leġislatur ried jiddelimita r-riżarċiment għat-telf subit u għal qligħ mankat li jikkonsegwi mill-fatt dannuż in bażi għal "id quod plerumque accidit". Li jfisser, illi l-leġislatur ried jakkolla fuq il-persuna responsabbli mhux kwalunkwe riperkussjoni patrimonjali iżda biss id-danni veri u proprji. F'kelma waħda, il-leġislatur ma riedx li jkunu inklużi kwalsiasi danni, huma x'inhuma, iżda dawk biss li jkollhom konnessjoni mal-fatt illeċitu. Anke f'din il-perspettiva n-ness ġuridiku għandu rwol importanti għal skop tad-danni riparabbli in kwantu għall-utilita` li jallaċċja d-danni kollha fis-serje kawżali ma' event wieħed speċifiku;*

*2. Bla dubju, l-indaġini dwar liema huma d-danni diretti u immedjati jikkoinvolġi valutazzjoni ta' fatt u din, ordinarjament, tesula mis-sindikar da parti ta' din il-Qorti ta' reviżjoni jekk tinstab li hi sorretta minn motivazzjoni sobrija u adegwata;*

*3. Premess dan, tajjeb li wieħed jisottolineja illi l-liġi trid li min ikun responsabbli għad-danni għandu jħallas kull dannu li raġonevolment jitqies bħala konsegwenza diretta tal-fatt illeċitu (ara "**Bugeja -vs- Cassar**", **Appell Ċivili, 1 ta' April, 1966**). Ukoll, teżisti dik l-esiġenza li ddanneġġjat bi dmir għandu jagħmel dak kollu li hu raġonevoli biex inaqqas il-ħsara ("**Blackman -vs-Formosa**", **Prim' Awla, Qorti Ċivili, 5 ta' Ottubru, 1994 u "Sullivan -vs- Grixti", Appell Inferjuri, 9 ta' Lulju, 1999**).*

*F'dan il-kuntest hu wkoll ritenut illi l-kwestjoni ta' x'inhu raġonevoli li jagħmel id-danneġġat biex jimmitiga l-ħsara hi kwestjoni ta' fatt li għandha tiġi konsiderata fiċ-ċirkostanzi ta' kull każ partikolari (ara* ***"Mallia -vs- Moore", Appell Ċivili, 26 ta' Novembru, 1954****) u l-oneru tal-prova f'dan ir-rigward speċifiku jaqa' fuq il-konvenut" ("****Aquilina - vs- Schembri", Appell Ċivili, 24 ta' Jannar, 1969****);*

*4. Valevoli dejjem li jiġi wkoll sottolinejat illi r-regola għandha tkun illi d-dannu reklamat m'għandux ikun sors ta' approfittar jew ta' lukru u li l-miżura tar-riżarċiment m'għandhiex tissupera l-interessi leżi. Ara "****Borg nomine et -vs- Schembri", Prim' Awla, Qorti Ċivili, 28 ta' Jannar, 1965"*** *(Emfażi tal-Qorti)*

**20.** Stabbilit dan, il-Qorti taqbel ma dak sottomess mis-Soċjetá konvenuta a' fol 259 sa 262 tan-nota tagħha u tqis li l-ammont reklamat jisboq ferm il-valur tal-apparat mitluf konsegwenza tal-event dannuż (a' fol 259 sa 262). Dan tant li jinkludi apparat li ġie mibdul minkejja li ma ġarrab l-ebda ħsara fl-inċident. Is-somma reklamata għalhekk ma hijiex ekwivalenti għal "somma li tekwipara l-valur tal-utilitajiet mitlufa" (**Antonio Zammit vs Mario Calleja, Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar 1977**).

**21.** Kif ġie ritenut, "*f'rapport ta' derivazzjoni ex-delicto jew vel quasi delicto, ir-responsabilitá tad-danneġġjanti hi ċirkoskritta għall-konsegwenzi probabbli tal-kondotta tiegħu, u mhux ukoll biex iwieġeb għal kwalsiasi konsegwenza indiretta jew remota li tista' tiddixxendi mill-*

*operat tiegħu. Fi kliem ieħor, kif ġja rilevat hawn fuq, hu mistenni li d-danneġġjant jagħmel tajjeb għal dawk id-danni li huma verament immedjati u prossimi b'rabta ma' l-event li skaturihom*." (**Safety & Security Management Limited vs Emmanuel Spiteri, Appell Inferjuri, 12 ta' Marzu, 2010**).

**22.** Din il-Qorti sejra għalhekk tqis li s-soċjetá attriċi assikuratriċi għandha tkun riżarċita għal dak it-telf pekunjarju li ġie identifikat mill-Inġinier mqabbad ex parte minnha stess Joe Bonnici a' fol 22 tar-rapport tiegħu, jiġifieri €4,600 (€2,500+€500+€1,600) u mhux dak l-ammont reklamat minnha. Dan għaliex huwa dan l-ammont li jirrapreżenta d-danni subiti li jaqgħu f'rapport immedjat u prossimu ma' l-event illeċitu. Di fatti fil-parti introduttiva tar-rapport tiegħu, Joe Bonnici jindika hekk:-

"***<u>EQUIPMENT DATA</u>***

*Damage to HP file server model _Pro Liant DL360 G5*

*Damage to Cisco 24 port Switch model Ws-C2960G 24TC-L*

*Damage to power supply unit. Model BLC 7000"* (ara fol 18)

**23.** Fir-rigward tat-tielet talba għall-ispejjeż tas-survey report din il-Qorti tosserva li ma hemm l-ebda prova ta' pagament fl-atti (a' fol 18) . Ma huwiex magħruf għalhekk kemm is-Soċjetá Attriċi fil-fatt ħallset ta' dan ir-rapport.

**24.** F'dan l-istadju din il-Qorti tagħmel referenza għal dawk il-prinċipji li ġew reġistrati rigwardanti l-prova tal-pagament kif senjalati mill-**Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza Johann Schembri pro et noe vs Charlot Mifsud datata 19 ta' Ottubru 2005**:

*"(1) Huwa prinċipju paċifiku illi l-piż ta' prova tal-pagament hu fuq id-debitur konvenut li jallegah. Dan għaliex una volta eċċepixxa l-pagament kien jispetta lilu li jipprova dan b'mod konvinċenti u konklusiv. Ara "**Joe Chetcuti et -vs- Joseph Pearson et nomine", Appell, 5 ta' Ottubru 1998;***

*(2) Huwa mbagħad paċifikament magħruf illi "l-pagament jista' jiġi pruvat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jiġifieri bi provi diretti, bħal dokumenti, xhieda u l-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll bi provi indiretti, bħal ma huma l-presunzjonijiet u l-indizji kapaċi li jikkonvinċu lil ġudikant" - "**Emmanuele Bezzina -vs- Emmanuele Attard et", Qorti Ċivili, Prim' Awla, 12 ta' Frar 1959**".*

**25.** Applikati dawn il-prinċipji, din il-Qorti tikkonkludi li ladarba l-prova tal-pagament hija għal kollox nieqsa, din it-talba ma tistax tintlaqa'.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tilqa'** l-ewwel talba u tiddikjara illi s-Soċjetá Konvenuta hija unikament responsabbli għad-danni sofferti mis-Soċjetá assikurata BM IT Limited (C 39594) in konsegwenza tal-inċident li seħħ nhar it-12 ta' Ġunju 2009.

**Tilqa l-eċċezzjoni numru 2.2.** u konsegwentement tordna lis-Soċjetá Konvenuta sabiex tħallas lis-Soċjetá Attriċi l-ammont ta' €4,600 għad-danni sofferti mill-istess Soċjetá assikurata tagħha BM IT Limited (C 39594).

**Tiċħad** it-tielet talba attriċi.

**Tiċħad** il-bqija tal-eċċezzjonijiet tas-Soċjetá Konvenuta.

L-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittri uffiċjali interpellatorji bin-numru 1838/11 u 199/2012, b'dana li tlett kwarti ($^{3}/_{4}$) a' karigu tas-Soċjeta' Konvenuta u r-rimanenti kwart ($^{1}/_{4}$) a' karigu tas-Soċjeta' Attriċi, u bl-imgħaxijiet legali dekorribbli kontra s-Soċjetá konvenuta mid-data tas-Sentenza.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**